MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-5 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 1765/1998/1

**Joseph Spiteri f'ismu proprio u f'isem tal-azienda kummercjali bl-isem "Best Value Enterprises" li taghha huwa l-uniku proprjetarju.**

**Vs**

**Unispeed Shipping & Forwarding Ltd.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi ried jimporta Malta kwantita' ta' merkanzija u cioe' dik rizultanti fid-dokumenti hawn annessi, markati dokument "A", b'valur komplessiv ta' Lit 11.324,550 u ghal dan l-iskop inkariga lis-socjeta' konvenuta, li accettat, biex tittrasportaha u din kellha tikkoordina l-ispedizzjoni u

tragitt tal-istess merkanzija lejn Malta; ghal dan l-iskop hija qabbdet nies ta' tragitt u anke sabet il-vapur biex twassal il-merkanzija mis-"supplier' sa Malta.

Premess illi waqt li l-merkanzija tal-attur kienet f'idejn u taht il-cura u l-custodja ta' nies imqabbda u maghzula mis-socjeta' konvenuta din insterqet kompletament b'detriment ovvju u serjissimu ghall-attur, ghall-liema danni l-socjeta' konvenuta hija responsabbli bhala l-persuna li trid tghaddi l-merkanzija lill-konsenjatarju fl-istess kondizzjoni li huwa jkun irceviha.

Premess illi s-socjeta' konvenuta hija fl-impossibilita' li taghmel hekk u inoltre hija mhux qed taccetta r-responsabilita' ghall-akkadut u lanqas ma qed taccetta li tirrizarcixxi lill-attur.

Premess illi l-attur jikkwantifika l-hsara ossija d-danni li garrab f'ammont tal-konsenja u cioe' fis-somma ta' Lit. 11.324,550.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti,

1. tiddikkjara lis-socjeta konvenuta unikament responsabbli ghat-telfa tal-merkanzija tal-attur

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, fis-somma ekwivalenti f'liri maltin ghall-Lit. 11.324,550

3. tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma hekk likwidata bhala d-danni sofferti mill-atturi – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tal-presentata tac-citazzjoni u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta** a fol. 16 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi in linea preliminari, is-socjeta' konvenuta ma kinitx responsabbli ghall-garr tal-merkanzija u dan ghax il-garr tal-merkanzija kien sar minn kumpannija ohra, ossija Sullivan Shipping Agencies Limited li sussegwentement qabbdet lil John Abela Ltd. sabiex taghmel il-garr rikjest, u ghalhekk, is-socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi minghajr pregudizju ghas-suespost, il-merkanzija meritu ta' dina l-kawza ngarret abbazi tas-"CMR Conditions" u ghalhekk, japplikaw il-limitazzjonijiet imposti fl-istess Konvenzjoni

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Joseph Spiteri ghal atturi xehed li hu kien qabbad lis-socjeta' konvenuta biex igorrlu merkanzija minn barra u dina nsterqet meta kienet fil-kura u kustodja tal-konvenuti. Hu qed jitlob l-ammont ta' Lit.11.324,550.

Minn naha l-ohra Gordon Galea ghall konvenuti kkonferma li s-socjeta' attrici kienet qabbdithom biex jittrasportaw merkanzija minn barra. Huma jahdmu bhala Freight Forwarding ghalhekk qabbdu lis-socjeta' tal-garr John Abela Ltd u dina minn naha taghha qabbdet lill Sullivan Shipping Agencies Ltd. L-ordni kienet tghabbiet fuq *trailer* proprejta' ta' John Abela Ltd. fuq CMR *conditions*. Dan it-*trailer* insteraq meta kien barra u meta eventwalment instab dan kien vojt. Skond dan ix-xhud huma kienu jinfurmaw lill klijenti li l-merkanzija ma kienux

ser jgorruha huma. Hu ma kienx involut direttament fil-ftehim ma' l-atturi u li jaf hu mid-dokumenti.

Ronnie Naudi, li kien direttur tal-kumpanija konvenuta u li kellhu x'jaqsam direttament ma l-atturi, xehed li l-atturi kienu klijenti abitwali taghhom. Hu qal li l-atturi ma kienux jafu li huma kienu ghamlu *sub-contracting* u lanqas kien hemm ghalfejn li jkunu jafu ghax ir-relazzjoni kontrattwali tieghu kienet maghhom. Ix-xhud qal li kienet iharget CMR *note* u anke hawn l-atturi ma kienu jafu b'xejn. Id-Dokument tas- CMR kien iffirmat mis-*supplier* tal-merkanzija u ghadda f'idejn id-*driver* ta' John Abela & Sons direttament minghajr lanqas ma ghadda minn idejn is-socjeta' konvenuta jew Sullivan Shipping Agencies Ltd. Dan id-dokument jasal Malta flimkien mal-merkanzija u fil-kaz in ezami ma jafx jekk fil-fatt dan id-dokument qatt wasal Malta jew le. Li jaf zgur hu li l-merkanzija ma waslitx.

*Tikkunsidra*

Il-konvenuti mhux qed jichdu li l-attur sofra d-danni li qed jitlob izda huma qed jattribwixxu l-htija kollha lis-socjetajiet imqabbda minnhom biex jittrasportaw il-merkanzija. Dettalji u dokumenti dwar dawn is-subappalti ma nghatux. Lanqas ma gew imsejjha fil-kawza.

Jirrizulta mill ex direttur tas-socjeta' konvenuta li l-atturi ma gew infurmati b'xejn, la li kien hemm sub contracting u lanqas bil CMR conditions, u kollox sar ad insaputa taghhom, u ghalhekk kull ma sar kien *res inter alios acta*. Kif xehed l-attur hu kien jaf biss lill konvenuti u lill hadd aktar.

Fil-fehma tal-Qorti anke jekk is-socjeta' konvenuta ezegwiet l-inkariku tramite s-servizzi ta' socjeta' ohra hu assodat illi r-relazzjoni kontrattwali bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta kienet naxxenti mill-ftehim ta' bejniethom (ara sentenzi Mousu vs Vella App 4/12/98 u App Inf.PS. Zammit & Cachia vs Hix Ltd 17/2/03) u ghalhekk il-konvenuti huma responsabbili ghat-telf li garrab l-attur.

L-ammont mitlub mill-attur mhux kontestat. Is-CMR *conditions* ma japplikawx f'dan il-kaz ghar-ragunijiet fuq imsemmija billi l-attur qatt ma gie nfurmat b'xejn u ma kien hemm xejn fil-ftehim bejnu u l-konvenuti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' t-talbiet attrici
u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma mitluba ta' Lit.11.324,550 ekwivalenti f'liri maltin ghall-elfejn u hames mitt lira maltin (Lm2,500) fid-data tal-prezentazzjoni tac-citazzjoni, bhala d-danni sofferti mill-atturi – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.
bl-ispejjez kontra l-konvenuti;
u bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------